**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 06/15(29_07_15).**

Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku u s-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Lulju 2015.

1. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
2. Rapport tas-Sindku.
3. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
4. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
5. Materji oħra.

**1.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

1.01 Il-fanali li hemm mal-*boathouses* tranġaw peress li kellhom xi ħġieġ imkisser.

**2.00 Rapport tas-Sindku.**

2.01 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi attendew għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex, fejn kien hemm preżenti l-Ministru, rappreżentanti mill-GTA, Turiżmu, Pulizija u Sanità, u erba' sidien ta' stabbilimenti tal-ikel. Il-Kunsill ġie mitlub li jsib post alternattiv sabiex jitpoġġew it-tliet *skips* fejn xulxin. Il-Kunsill talab li jitneħħew kompletament mill-*Parking* tax-Xlendi imma s-sidien baqgħu jinsistu li ma għandhomx fejn jagħmluhom. Ġie identifikat post fit-tarf, maġenb il-qasab iżda l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħlijiet ħlief li jnaddaf. Rigward il-proposta li jitniżżel *truck* taż-żibel kull filgħaxija sabiex jagħmlu użu minnu l-istabbilimenti ma ntlaqgħetx tajjeb.

2.02 Saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Munxar Falcons FC rigward il-fjakkolata u l-*fairy lights* u laqgħa mal-Kappillan dwar il-*fitness classes*.

2.03 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Ġiet diskussa d-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq u saret mozzjoni dwar is-CCTV li hemm fi Pjazza San Franġisk. Din ser titwaqqaf bi prova.

**3.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li waqt li kien qed isir il-*vetting* tat-T*ender* MXR/004/2015 - *Service of Refuse Collection in an environmentally friendly manner* ġie nnutat li l-KIP Gozo Ltd iddikjara li fost it-tliet vetturi li ser jaħdem bihom hemm waħda li ma hijiex Euro4. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill jitlob dikjarazzjoni mingħand il-KIP Gozo Ltd fejn jiddikjara li ma huwiex ser jaħdem b'dik il-vettura.

3.02 Il-proġett tal-Pjazza għandu jibda dalwaqt iżda minħabba problema ta' livelli, it-tieni fażi trid issir f'daqqa u mhux nofs kif kien ippjanat. Huwa kkalkulat li s-somma ser titla' bi €23,000 aktar. Kien hemm qbil dwar dan.

3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien kellem lill-Inġinier tal-Water Services Corporation dwar nuqqas ta' pressa u ilma bis-sadid fil-*main* tal-ilma ta' Triq il-Munxar. Bħala miżura temporanja l-Korporazzjoni kienu fflaxxjaw l-ilma tal-*main* u tneħħa ħafna ilma bis-sadid. Sadanittant, il-Korporazzjoni bdiet il-proċedura biex jinbidel il-*main*. Il-Kunsill irid jibda jipprepara biex din it-triq tinkesa mill-ġdid dritt wara li jinbidel il-*main* u s-*services* tad-djar.

**4.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

4.01 Is-Sur Paul Curmi staqsa dwar meta ser jaslu dawk il-bankijiet tal-*concrete* tal-passaġġ tax-xtajta. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm xi madum jiżloq quddiem iċ-Churchill Bar & Restaurant. Irrimarka dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi u bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ras il-Bajjada.
Il-bankijiet ser jaslu fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu 2015 u s-Sindku infurmatu li diġà kellmet lit-Taqsima tas-CMU dwar il-ħitan ta' Triq Ras il-Bajjada.

4.02 Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina hemm bozza tixgħel u titfi.
Din ser tiġi rrapportata lill-Kuntrattur.

**5.00 Materji oħra.**

5.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Carmen Said** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |